

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-10 ta' Ottubru 2012 — Shanghai Biaowu High-Tensile Fastener u Shanghai Prime Machinery vs Il-Kunsill**

(Kawża T-170/09) <sup>(1)</sup>

(“Dumping — Importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw miċ-Ċina — Status ta’ impija li topera f’ekonomija tas-suq — Terminu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar dan l-status — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Oneru tal-prova — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 2(7)(b) u (c), u Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li sar l-Artikolu 2(7)(b) u (c) u Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009)”)

(2012/C 366/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Shanghai Biaowu High-Tensile Fastener Co. Ltd (Baoshan, iċ-Ċina); u Shanghai Prime Machinery Co. Ltd (Shanghai, iċ-Ċina) (rappreżentanti: inizjalment K. Adamantopoulos u Y. Melin, sussegwentement Y. Melin, V. Akritidis u F. Crespo, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, sussegwentement J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti minn G. Berrisch, avukat)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Van Vliet u C. Clyne, aġenti); u European Industrial Fasteners Institute AISBL (EIFI) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J. Bourgeois, Y. Van Gerven u E. Wäktare, sussegwentement J. Bourgeois, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009, tas-26 ta' Jannar 2009, li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq [l-importazzjonijiet ta’] ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) *Shanghai Biaowu High-Tensile Fasteners Co. Ltd u Shanghai Prime Machinery Co. Ltd għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-European Industrial Fasteners Institute AISBL.*

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 153, 04.07.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-10 ta' Ottubru 2012 — Gem-Year u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) vs Il-Kunsill**

(Kawża T-172/09) <sup>(1)</sup>

(“Dumping — Importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw miċ-Ċina — Sostenn tal-ilment mill-industrija Komunitarja — Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat — Danner — Status ta’ impija li topera f’ekonomija tas-suq — Spejjeż tal-elementi tal-produzzjoni ewlenin li fil-parti l-kbira tagħhom jirriflettu l-valuri tas-suq — Artikolu 2(7)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li sar l-Artikolu 2(7)(b) u (c) u Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009)”)

(2012/C 366/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Gem-Year Industrial Co. Ltd (Zhejiang, iċ-Ċina); u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) Co. Ltd (Zhejiang) (rappreżentanti: K. Adamantopoulos u Y. Melin, sussegwentement Y. Melin, V. Akritidis u F. Crespo, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, sussegwentement J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti minn G. Berrisch)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Van Vliet u C. Clyne, aġenti); u European Industrial Fasteners Institute AISBL (EIFI) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J. Bourgeois, Y. Van Gerven u E. Wäktare, sussegwentement J. Bourgeois, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009, tas-26 ta' Jannar 2009, li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq [l-importazzjonijiet ta’] ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) *Gem-Year Industrial Co. Ltd u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) Co. Ltd għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-European Industrial Fasteners Institute AISBL.*

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 153, 04.07.2009.